MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2069/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**Vs**

**Alfredo Spiteri De Barro**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm982.16c) bilanc minn somma ikbar, rapprezentanti *trade loan* maghmul mis-socjeta' attrici favur il-konvenut, ai termini ta' ftehim tal-1 ta' Mejju, 1996 iffirmat bejn il-kontendenti, li a tenur tieghu, in konsiderazzjoni ta' self fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) f'forma ta' *trade loan* kif inghad, il-konvenut obbliga ruhu illi jixtri minghand is-socjeta' attrici birer, minerali, xorb u prodotti simili ohra ghall-hanut 'Café Napoli', Paceville Avenue, Paceville, prodotti mill-istess socjeta', u liema

ftehim il-konvenut kiser stante li ma skontax is-somma kollha mislufa, skond il-ftehim imsemmi.

Il-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi, baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Stephen Muscat jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------